MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2012

Numru. 810/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**vs**

**Stephen Buhagiar**

**Illum, 2 ta' Lulju 2012**

Il-Qorti

Rat l-akkuza kontra l-imsemmi **Stephen Buhagiar** ta' 40 sena, bin Carmelo u Concetta nee' Cachia, imwieled Pieta' fil-25 ta' Frar 1969, residenti f' Cameo, Triq ta' Xmiexi, Msida, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 136269(M).

Akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer, f'April 2009 jew fix-xhur u s-snin ta' qabel, ikkorrompa lil Nigel John Abela, ufficjal fid-Dipartiment tal-VAT, u dan sabiex Nigel John Abela jonqos li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'mezz ta' rigali, weghdiet, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifici foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu ta' l-ewro (€2329.37) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

U aktar talli b'hekk sar recidiv a terminu ta' l-artikoli 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 27 ta' Novembru 2008.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat f'l-artikolu 23A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u sabiex f'kaz ta' htija, tapplika l-provvedimenti ta' l-artikolu 23B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:
a) 18, 120(1) u 115(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) 42, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) 17, 18, 23B, 31, 42, 119 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni.

Rat is-sentenza mghotija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fid-19 ta’ Jannar 2012 fuq referenza maghmula minn din il-Qorti fuq talba ta’l-imputat.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi jibda’ biex jinghad li tnejn mid-dokumenti li gew esebieti mill-prosekuzzjoni bhala parti mill-provi in sostenn ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma zewg stqarrijiet minnu rilaxxati fil-kors ta’l-investigazzjonijet dwar il-kaz. Fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civile (Sede Kostituzzjonali) fuq imsemmija dik il-Qorti ikkonkludiet li permezz tat-tehied ta’ dawk l-istqarrijiet minghajr ma’l-imputat inghata d-dritt li jikonsulta avukat *gie lez id-dritt (tieghu) kif sancit fl-artikolu 6(3)(c) b’rabta mal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja kwantu ma kellux l-assistenza legali waqt l-istqarrija li ghamel lil Pulizija fil-fazi qabel gie akkuzat. Konformement ma’ dak hawn deciz tordna li l-proceduri kontra Stephen Buhagiar jitkomplew u thalli f’idejn il-Qorti Kriminali adita mill-kaz biex tevalwa din ic-cirkostanza hi u tizen il-provi mressqa quddiemha dwar l-akkuzi mressqin fil-konfront tieghu tenut in konsiderazzjoni dak li gie deliberat u deciz f’din is-sentenza.* F’din is-sentenza saret referenza ukoll ghas-sentenza mghotija mill-istess Qorti[1] fil-kawza Il-Pulizija vs Pawlu Grech[2] fejn dik il-Qorti esprtimiet il-fehma li

*… ladarba stqarrija tittieħed minn persuna bla ma jkollha jedd tikkonsulta ma’ avukat hija għamil li jikser l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, ma tistax titqies bħala prova tajba u ammissibbli fil-proċediment kriminali li jsegwi t-teħid tagħha. B’daqshekk, ma jfissirx li l-istess proċediment irid jitwaqqaf jew li t-tqegħid ta’ stqarrija bħal dik fl-atti tal-kawża jtebba’ l-proċess kollu ……….. huwa aċċettat li,*

[1] Il-Prim’Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali).
[2] Deciza fit-2 ta’ Novembru 2011.

*minkejja stqarrija bħal dik, il-prosekuzzjoni tressaq provi oħrajn tajbin biżżejjed li bihom il-każ tagħha kontra l-persuna mixlija jitwassal sal-port. Jista' jkun li l-imputat innifsu jistqarr ħtijietu quddiem il-Qorti. F'każ bħal dak, in-nuqqas ta' siwi probatorju tali stqarrija ma ġġibx magħha n-nuqqas ta' siwi tal-proċess u, jekk ikun il-każ, in-nuqqas ta' siwi ta' sejbien ta' ħtija.*

Illi tenut kont ta' dan, u tal-gurisprudenza imsemmija fis-sentenzi hawn fuq kwotata, din il-Qorti ma tistax tqies bhala prova ammissibbli l-istqarrijiet ta' l-imputat u li gew esebieti bhala Dok AG1 u Dok AG2 u ghalhekk trid tistrih fuq l-provi l-ohra prodotti.

Illi fil-kors tal-proceduri taw id-depozizzjoni taghhom l-Ispettur li mexxa l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni dwar dan il-kaz, l-Ispettur Angelo Gafa; rapprezentant tad-Dipartiment fuq il-Valur Mizjud[3], Joanne Hefney[4] li xehdet diversi drabi tul dawn il-proceduri; PC569 Anthony Cassar, li kkonferma t-tehied ta' xi dokumenti minghand l-imputat; PS474 Norbert Said li kkonferma l-volontarjeta ta'l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat; l-Ispettur Alexander Miruzzi li kkonferma sentenza mghotija fil-konfornt ta'l-imputat; u Dr Daniela Mangion biex prezentat rapport dwar l-assi ta' l-imputat.

Illi l-Ispettur Gafa ta informazzjoni dwar l-investigazzjoni generali u kif gara li din l-investigazzjoni wasslet biex tinkludi lill-imputat. Huwa rrakkonta b'mod estensiv x'qallu l-imputat waqt li kien qed jigi interrogat u jirrilaxxja l-istqarrijiet. Dan pero l-Qorti ma tistax tiehdu in konsiderazzjoni ghall-istess ragunijiet li a bazi taghhom din il-Qorti ma' tistax tiehu in konsiderazzjoni bhala prova l-istqarrijiet rilaxxjati. Huwa pero ta informazzjoni ohra li tirrizulta mid-diversi dokumenti li pprezenta[5]; ladarba din l-informazzjoni hija bazata fuq dokumenti ohra m'ghandhiex tigi skartata.

[3] Aktar 'l isfel imsejha "id-Dipartiment" jew "VAT" skond il-kaz.
[4] Fil-kwalita taghha ta' Director Operations fid-Dipartiment.
[5] Dokumenti ohra minbarra l-istqarrija.

Illi mid-depozizzjoni ta' l-ufficjal prosekutur dwar dawn id-dokumenti u mid-depozizzjoni ta' Joanne Hefney jirrizulta li l-imputat jiggestixxi negozju ta' panel beater b'l-isem Charles Garage u huwa registrat mad-Dipartiment bin-numru ta' registrazzjoni 1667 1611. Jirrizulta ukoll li l-hames denunzji tal-VAT ghall-perjodi ta' taxxa mill-1 ta' Awissu 2004 sal-31 ta' Lulju 2005, mill-1 ta' Awissu 2005 sal-31 ta' Lulju 2006, mill-1 ta' Awissu 2006 sal-31 ta' Lulju 2007, mill-1 ta' Awissu 2007 sal-31 ta' Dicembru 2007, u mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Lulju 2008 rispettivament gew prezentati lid-Dipartiment darbtejn: l-ewwel darba f'l-24 ta' Marzu 2009 u t-tieni darba fis-16 ta' Settembru 2009. Minbarra hekk f'Dicembru 2009 l-imputat baghat ittri lid-Dipartiment biex it-tieni verzjoni tad-denunzji tigi korretta[6].

Illi permezz ta'l-ewwel sett ta' denunzji prezentati, cioe dawk prezentati f'l-24 ta' Marzu 2009, irrizulta li kien hemm kreditu favur l-imputat b'mod li l-penali u imghaxxijiet li kienu ddekorrew fil-konfront tieghu fil-passat kienu ser jithallsu minn dan il-kreditu. It-tieni sett ta' denunzji, cioe dawk prezentati fis-16 ta' Settembru 2009 kienu juri figuri differenti b'mod li ma kien jirrizulta l-ebda kreditu favur l-imputat anzi ammont ta' taxxa pagabbli li effettivament giet imhallsa f'l-istess data li gew prezentati d-denunzji. Permezz ta'l-ittri li baghat l-imputat f'Dicembru 2009 huwa talab korrezzjoni ulterjuri fid-denunzji b'mod li zdied l-ammont li huwa kellu jhallas lid-Dipartiment.

Illi ghandu jigi rilevat li l-ewwel sett ta' denunzji jidhru li gew redatti minn persuna, fil-waqt li t-tieni sett ta' denunzji gew redatti minn persuna ohra.

Illi huma d-denunzji li originarjament intbaghtu ghal dawn il-perjodi ta' taxxa[7] li jiffurmaw il-bazi ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat.

Ikkunsidrat

[6] Huwa talab korrezzjoni f'erbgha mid-denunzji.
[7] Cioe dawk mibghuta lid-Dipartiment f'l-24 ta' Marzu 2009.

Illi a skans ta’ ekwivoci l-Qorti thoss li f’dan l-istadju ghandha tissottolinea kif ghamlet f’kazijijet ohra bhal dan li hija trid tiggudika lill-imputat a bazi tal-provi prodotti fil-konfront tieghu u konsegwentement l-unici provi relevanti ghal kaz in ezami huma dawk legitimament akkwiziti f’dan il-process. Dak li jista’ jirrizulta f’proceduri ohra, anke jekk konnessi mal-kaz odjern, jew dak li possibilment irrizulta lill-pulizija fil-kors ta’l-investigazzjoni aktar wiesgha in konnessjoni ma’ dan il-kaz, huma ghal kollox irrelevanti.

Ikunsidrat

Illi l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik ta’ korruzzjoni ta’ ufficjal pubbliku.

Illi biex jissussisti dan ir-reat iridu jigu pruvati erba’ elementi bazici:

1. in-natura ufficjali jew pubblika tal-persuna li ser tigi korrotta;
2. li dik il-persuna rcieviet jew accettat flus jew xi rigal, jew weghda jew offerta u dawn ma kienux dovuta skond il-Ligi;
3. li dan sar in konnessjoni mal-kariga jew impjieg; u
4. li dan sar b’l-iskop li dik il-persuna taghmel jew ma taghmilx d-dmir taghha[8].

Illi l-prosekuzzjoni qed tikkontendi li l-imputat avvicina lil Nigel Abela, impjegat mad-Dipartiment u ghalhekk ufficjal pubbliku, biex jimla’ l-ewwel sett ta’ hames denunzji fuq imsemmija b’mod li dawn juru kreditu favur l-imputat li kellu jintuza biex isir tpacija ma’ arretrati ta’ penali u imghaxxijiet li l-imputat kellu mad-Dipartiment. Il-prosekuzzjoni qed tallega ukoll li biex jaghmel hekk Abela talab il-hlas ta’ elfejn Euro li l-imputat accetta li jhallas. Skond il-prosekuzzjoni dan l-ammont baqa ma thallasx.

Illi pero mill-provi prodotti la gie stabbilit min hu Nigel Abela, la saret il-prova li kien dan Nigel Abela li rrediga d-denunzji in ezami, hekk kif ma ngibitx il-prova li dan Nigel

[8] Ref Pulizija vs Alfred Demicoli Appell Kriminali deciz 02.05.1985.

Abela huwa ufficjal jew impjegat pubbliku. Fil-verita lanqas m'hemm prova li turi li saret xi weghda jew offerta lil dan Nigel Abela da parti ta' l-imputat.

Illi ghalhekk ma jistax jinghad li gew pruvati l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat predispost f'l-artikolu 120 u 115 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; konsegwentement l-ewwel imputazzjoni ma tirrizultax.

Ikkunsidrat

Illi t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik ta' komplicita fi truffa a dannu tal-Gvern ta' Malta.

Illi dwar l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat ta' truffa Francesco Antolisei jghid hekk:

*Nucleo essenziale del delitto in parola e' l'inganno col quale una persona viene indotta a compiere un atto, positivo o negativo, che importa una diminuzione del suo patrimonio col profitto del agente o di altri. Il consenso della vittima, carpito fraudolentemente, caratterizza il reato … Nella truffa … l'agente, mediante artifizi o ragiri riecse ad ottenere che la vittima si danneggii da se: consgna una cosa, assuma un obbligazione, rinunzi ad un suo diritto, ecc: compia insomma un atto di disposizione pregudizievole per il suo patrimonio e vantaggioso per altri.*

*La fattispecie oggettiva della truffa consta dei segwenti elementi:*
*(1) un particolare comportamento del reo, che il codice designa con l'espressione artifizi o raggiri;*
*(2) la causazione di errore, il quale … deve a sua volta dare origine a una dispozione patrimoniale;*
(3) *un danno patrimoniale derivato dell'inganno con conseguente profitto per l'agente o altra persona.*[9]

[9] Manuale di Diritto Penale Parte Speciale I pagna 354

Illi diversi sentenzi tal-Qrati taghna jirribadixxu dan l-istess insenjament. Fil-fatt il-Qorti ta'l-Appell Kriminali qalet hekk dwar l-elementi tar-reat ta' truffa:

*Fil-Ligi taghna element essenzjali ghall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mise en scene cioe dawk l-artifizi jew raggiri idonei li jinducu u li effettivament kienu inducew lill-vittma fi zball --- l-ingann --- u li b'konsegwenza ta' dak l-izball il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligh ghall-agent…… liema telf u qligh ikun rizultat ta' xi haga li taghmel jew tonqos li taghmel il-vittma ghax tkun giet ingannata*.[10]

Illi dwar id-distinzjoni bejn ir-reat ta' truffa u r-reat minuri ta' frodi innominata, huwa ormai ben stabbilit ukoll fil-gurisprudenza taghna li din id-distinzjoni hija determinata mit-tip ta' ingann adoperat mill-agent. It-tlett elementi fuq elenkati huma rikjesti ghaz-zewg reati; huma il-mezzi adoperati biex jigi perpetrat l-ingann li jiddistingwi t-truffa mill-frodi innominati.

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm t-truffa jew il-frodi innominatairid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konswgwenti qliegh ghall-agent. Dan it-telf hafna drabi ikun jikkonsisti filli l-vittma, propju ghax ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent. Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi, dak li fid-dottrina huwa imsejjah mise en scene, ikun hemm it-trufffa; jekk le ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata*[11]*.*

Illi dwar il-messa in xena l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

---

[10] Ref Pulizija vs Emmanuele Ellul 20.06.1997.

[11] Ref Pulizija vs Carmela German Appell Kriminali deciz 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata.

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet*[12]

Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ikkomment ukoll l-istess Antolisei[13]

*artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita*. .... *E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera*.

Dan l-awtur pero jkompli jghid li

*nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa*[14].

Illi fir-rigward ta' din it-tieni imputazzjoni l-prosekuzzjoni qed tikkontendi li permezz ta' dawk l-ewwel sett ta' hames denunzji ghall-perjodi ta' taxxa mill-1 ta' Awissu 2004 sal-31 ta' Lulju 2005, mill-1 ta' Awissu 2005 sal-31 ta' Lulju 2006, mill-1 ta' Awissu 2006 sal-31 ta' Lulju 2007, mill-1 ta' Awissu 2007 sal-31 ta' Dicembru 2007, u mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Lulju 2008 rispettivament l-imputat kien qed jikkrea kreditu immaginarju li permezz tieghu ghamel qliegh ekwivalenti ghall-ammont ta' penali u imghaxxijiet li kienu iddekorrew kontra tieghu a dannu tal-Gvern ta' Malta.

Illi minn kien l-awtur ta' dawn il-hames denunzji ma giex pruvat. Fil-verita l-unika haga li giet pruvata hija li dawn id-denunzji fuq imsemmija gew prezentati lid-Dipartiment

[12] Ref Pulizija vs Emanuel Ellul deciza 20.06.1997.
[13] Op cit pagna 356
[14] Op cit pagna 357

pero min irredigihom; minn min gew prezentati; x'inkarigu inghatat, u minn min, il-persuna li rredigitehom (jekk ma kienx l-imputat), u x'parti kellu l-imputat f'din l-istorja ma jirrizultawx.

Illi l-fatt wahdu li gew prezentati denunzji li mehuda flimkien kienu juri kreditu li kien kwazi ekwivalenti ghall-ammont ta' penali u imghaxxijiet li kienu akkumulaw kontra l-imputat, ghalkemm suspettuz, ma jikkostitwiex prova fil-grad rikjest mill-Ligi li l-imputat b'l-intenzjoni specifika li jiddefroda lill-Gvern b'xi mod kien partecipi mal-persuni l-ohra (huma minn huma) f'din l-istorja u li rredigew dawk il-hames denunzji.

Illi lanqas il-fatt li l-imputat pendenti dawn il-proceduri ssotometta denunzji ohra li kellhom jigu korretti ukoll, ma jista' jitqies bhala prova 'l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni li kien konspaevoli ta'l-ewwel sett ta' denunzji u li dawn saru b'xi involvement tieghu b'l-ghan specifiku li jigi defrodat il-Gvern.

Illi tenut kont ta' dan fil-fehma ta' din il-Qorti din it-tieni imputazzjoni ma gietx pruvata.

Ikkunsidrat

Illi t-tielet imputazzjoni tirreferi ghar-recidiva u hija kompletament dipendenti fuq sejbin ta' htija fuq almenu wahda mill-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra l-imputat. Ladarba l-imputat mhux qed jinstab hati ta'l-ewwel zewg imoutazzjonijiet lanqas din l-ahhar imputazzjoni ma tirrizulta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------